# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 460/2016

**Il-Pulizija**

**(Spt. Jonathan Ransley)**

**vs**

**Vincenzo Brancaccio**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Vincenzo Brancaccio, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 39641M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta' Settembru, 2014 ghall-habta ta' 05:20am u fis-sighat ta' wara, gewwa San Giljan:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-

hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 8 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra PS 928 Ramon Grech Mifsud u PC 901 Christopher Attard, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmilhom hsara.

4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164,69), imma huwa izjed

minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Ramon Grech Mifsud u Christopher Attard detenturi tal-karti tal-identita' bin-numri 238271M u 277874M rispettivament u/jew ta' persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (l)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija, l-imsemmi Vincenzo Brancaccio jhallas lil partijiet offizi dak l-ammont ta' flus li jista jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Settembru, 2016 li biha wara li sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu ikkundannatu komplessivament ghal sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin in forza tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u multa ta' €1,000.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 t' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata, billi filwaqt li **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u fil-parti tal-piena in kwantu kkundannatu ghal sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin, u **thassarha u tirrevokha** fil-parti tal-piena in kwantu kkundannatu ghal multa ta' elf euro (€1000) u minflok **tinfliggi** multa li hija fil-parametri tal-Ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-Avukat Generali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell interpost mill-Avukat Generali bil-gravami singolari illi l-ewwel Qorti erogat piena anqas min dik kontemplata fil-ligi ghar-reati dedotti kontra l-appellat. L-appell jirrigwarda precizament dik il-parti tal-piena li biha l-appellat kien ikkundannat ghal-multa u mhu qed isir ebda appell kwantu dik il-parti li biha l-appellat kien ikkundannat ghal-sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

2. Ezaminati l-atti, jemergi illi l-appellat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-10 ta' Settembru, 2014 sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu Fl-udjenza tal-14 ta' Gunju, 2016, wara diversi seduti li fihom kienu kompilati l-atti, l-appellat rregistra ammissjoni u l-Qorti tal-Magistrati ddiferiet il-kawza ghas-sentenza li inghatat fid-29 ta' Settembru 2016. Kif tiddemostra l-parti introduttorja ta' dan l-appell, l-ewwel Qorti, oltre li kkundannat lill-appellat ghal-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija sospizi fit-terminu tal-artikolu 28A tal-Kap 9, ikkundannat lill-appellat ghal-multa ta' €1000;

3. Ir-reat l-aktar gravi dedott kontra l-appellat, dak ravvizat fl-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9, attakk jew resistenza bi vjolenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, igorr mieghu piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa massimu ta' sentejn **flimkien** ma' multa ta' mhux anqas minn erbat elef euro u mhux aktar minn ghaxart elef euro f'kaz li jkun kommess minn wiehed jew tnejn minn nies;

4. Dan l-artikolu tal-ligi kien soggett ghall-emenda konsistenti f'zieda fil-piena, permezz tal-Att V tal-25 ta' Marzu, 2014. Ir-reati in

dizamina sehhew f'Settembru tas-sena 2014 u ghalhekk l-appellat kien soggett ghal-dik il-piena kif emendata. L-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun meta jghid li l-ewwel Qorti ma setghetx teroga dik il-piena ghaliex kienet anqas minn dik indikata. Jizdied ma' dan illi l-artikolu 99A jiprojbixxi l-applikazzjoni tal-artikolu 21, inzul taht il-minimu ghal-ragunijiet specjali u straordinarji, ghal-persuni hatja ta' reat taht dak is-subtitolu;

5. L-appell ghalhekk qed ikun milqugh u din il-Qorti ser teroga dik il-piena li tidher l-aktar addattata fic-cirkostanzi tal-kaz tenut il-gravita' tar-reat kommess kontra ufficcjali tal-Pulizijia meta marru sabiex jindagaw ir-raguni tal-hsejjes fis-sighat bikrin ta' filghodu li kienu generati mill-fond gestit mill-appellant;

6. Ghalhekk is-sentenza appellata qed tkun riformata billi filwaqt illi din il-Qorti qed tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal-piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghall-erba snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9, thassarha f'dik il-parti fejn ikkundanntu ghal-multa ta' €1000 u minflok tikkundannah ghal-multa ta' €5000.00